MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Numru 627/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Bartolo**

**V**

**NICHOLAS BELLOTTI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NICHOLAS BELLOTTI** ta' sebgha w ghoxrin sena bin Salvu u Rosaria nee Azzopardi, imwieled Bormla nhar d-disgha ta' Marzu 1972 u residenti Block 6A, Flat 4, San Gwann T'Ghuxa, Cospicua, detentur tal-karta tal-identita numru 130772M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmienja ta' Lulju 1999 waqt li kien f'Bormla, f'xi hin bejn t-tmienja w kwart ta' filghodu u l-kwarta ta' wara nofisnhar;

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti u cioe deheb u flus, liema serq sar ghad-detriment ta' Mary

Busuttil u zewgha Carmel Busuttil minn Bormla, liema serqa hija kkwalifikata bil-mezz, lok u valur li jiskorri l-elf lira maltin;
2. Talli fis-sittax ta' Lulju 1999 u matul ix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat , sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta u cioe deheb u flus jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex imexxihom jew jbieghhom, liema hwejjeg kienu gejjin minn serq kkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2002 esibiti fl-atti a fol 135.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-sbatax ta' Marzu 2004.

Fl-ewwel l-lok il-Qorti tirrileva li hija giet assenjata din il-kawza nhar l-erbatax ta' Novembru 2002 u dan wara li din il-kawza li kienet quddiem l-allura Magistat illum Imhallef Dottor Noel Cuschieri u zammet l-ewwel seduta taghha nhar l-erbratax ta' Novembru 2003 meta kienu diga nbaghtu l-artikoli tal-Avukat Generali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2002 esibiti fl-atti a fol 135.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Ispettur Carmelo Bartolo li xehed nhar l-erbgha ta' Novembru 1999 [kif jirrizulta a fol 10 et seq tal-atti], lil Mary Busuttil li xehdet nhar l-erbgha ta' Novembru 1999 [kif jirrizulta a fol 16 et seq tal-atti], lil Carmel Busuttil li xehed nhar l-erbgha ta' Novembru 1999 [kif jirrizulta a fol 25 et seq tal-atti], lil PC 516 Alfio Borg li xehed nhar s-sbatax ta' Dicembru 1999 [kif jirrizulta a fol 36 et seq tal-atti], lil PS 562 Anthony Portelli li xehed nhar l-ewwel ta' Settembru 2000 [kif jirrizulta a fol 64 et seq tal-atti], lil PC 659 Jeffrey Hughes li xehed nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Novembru 2001 [kif jirrizulta a fol 107 et seq tal-atti], lis-Supretendent Angelo Baldacchino li xehed nhar t-tnejn u

ghoxrin ta' Novembru 2001 [kif jirrizulta a fol 109 et seq tal-atti], lil Ispettur Michael Mallia li xehed nhar l-wiehed u ghoxrint a' Jannar 2002 [kif jirrizulta a fol 119 et seq tal-atti], lil Horace Anastasi li xehed nhar l-ghoxrin ta' Settembru 2002 [kif jirrizulta a fol 138 et seq tal-atti], lil PC 956 Andrew Caruana li xehed nhar t-tlettax ta' Awissu 2003 [kif jirrizulta a fol 9 tal-atti]

Rat li nhar t-tlettax ta' Awissu 2003, fuq talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jigi mahtur espert sabiex jaghmel l-ezami komparattiv bejn l-impronti digitali tal-imputat u dawk elevati minn fuq ix-xena tad-delitt, din il-Qorti hatret lil Prokuratur Legali Giuliana Scerri Ferrante ghal dan l-ghan.

Rat li nhar l-hmistax ta' Dicembru 2003 l-imsemmija espert ippresentat u halfet r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument JSF esibita fl-atti a fol 161 et seq minn fejn jirrizulta li mill-ezami komparattiv li hija ghamlet bejn l-impronti digitali tal-imputat ma dawk elevati minn fuq x-xena tad-delitt, tali ezami ta rizultat negattiv.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sbatax ta' Marzu 2004, u cioe wara li kienu nghalqu l-provi kollha tal-Prosekuzzjoni.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Il-Qorto nnotat pero li z-zewg akkuzi moghtija mill-Prosekuzzjoni, nghataw b'mod alternattiv ghal xulxin u ghalhekk in vista tal-provi mismugha tiddikjara li qed issib lil imputat hati tal-ewwel akkuza bl-aggravji taghhom u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv lil ssibu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu, pero tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza u cioe dik ta' ricettazzjoni.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena,

1. Rat l-fedina penali tal-imputat u cioe dik esibita a fol 151 et seq tal-atti odjerni, liema fedina penali tikkonsisti f'erbgha faccati bl-ewwel reat registrat fis-sena 1993 u sas-sena 1998 kellha mhux inqas minn hdax l-konvizzjoni registrata fuqha fuq reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, sewqan taht influwenza ta' xorb, injurji, theddid u resistenza kontra Ufficijali Pubblici, feriti ta' natura hafifa u pussess ta' droga f'zewg okkazzjonijiet, meta nghata diversi cansijiet mill-Qorti ghaliex inghata pieni ta' multi u amendi, u sentenza sospiza bil-ghan li jirriforma ruhu;

2. Rat wkoll li l-ammont bhala valur tas-serq huwa zghir u jammonta biss ghal mija tnejn u tletin lira maltin kif stmat mill-espert nominat mill-Qorti Paul M. Debono, liema stima tinsab esibita fl-atti a fol 53 markata bhala dokument PD;

3. Rat l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri, ghalkemm din giet registrata biss wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha u cioe erbgha snin u nofs wara li l-imputat gie mressaq il-Qorti;

4. Rat li r-res furtiva tinstab esibita fl-atti u ghalhekk tita tigi ritornata lil sidha legittimu wara dan iz-zmien kollu u dan fuq domanda maghmula minnu.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti thoss li l-piena idoneja, stante li ma giex akkuzat bir-recidiva, hija dik ta' prigunerija sospiza.

**Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279, u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li qed ssib lil imputat NICHOLAS BELLOTTI hati tal-ewwel akkuza bl-agravju u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal tlett snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tastjeni milli tiehu konjizzju tat-tieni akkuza.**

**Il-Qorti spjiegat lil imputat fi kliem car l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservaha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------